

Brussell, 28 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

9955/19

ECOFIN 572
UEM 185
SOC 439
EMPL 335
COMPET 477
ENV 559
EDUC 286
RECH 318
ENER 317
JAI 638
FSTR 103
REGIO 139

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni għal Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-Programmi Nazzjonali ta' Riforma 2019 għal kull Stat Membru, li jagħtu Opinjonijiet tal-Kunsill dwar il-Programmi ta' Stabbiltà jew Konverġenza aġġornati

Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi (CSRs)

Fil-qafas tas-Semestru Ewropew, fil-5 ta' Ġunju 2019 il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill 28 Rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tal-2019, u li jagħtu Opinjonijiet tal-Kunsill dwar il-Programmi ta' Stabbiltà jew Konverġenza aġġornati.

Dawn ir-rakkomandazzjonijiet jgħaqqdu flimkien rakkomandazzjonijiet ekonomiċi u dwar l-impjiegi, abbażi tal-Artikoli 121(2) u 148(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), ma' opinjonijiet tal-Kunsill dwar programmi ta' stabbiltà u ta' konverġenza, abbażi tal-Artikoli 5(2) u 9(2) tar-Regolament 1466/97 u, f'ċerti każijiet, ma' rakkomandazzjonijiet dwar il-parti preventiva tal-proċedura ta' żbilanċi makroekonomiċi skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament 1176/2011.

B'kont meħud li r-rakkomandazzjonijiet li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 148(4) TFUE jagħmlu parti integrali mir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi u li l-kontenut tagħhom huwa marbut inseparabbilment ma' dak li jikkorrispondi għall-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, il-proċedura skont l-Artikolu 121(2) TFUE għandha tapplika għaż-żewġ partijiet tar-rakkomandazzjonijiet.

Wara l-proċess preparatorju fil-livell tal-Kumitat, fit-8 ta' Lulju l-EPSCO għandu japprova l-kontribut dwar l-aspetti tal-impjiegi u l-politiki soċjali ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet filwaqt li l-ECOFIN fid-9 ta' Lulju għandu japprova l-kontribut dwar aspetti ekonomiċi/finanzjarji u relatati mal-MIP u jadotta r-rakkomandazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 121(2) TFUE.

Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tal-2019, u li jagħtu Opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programmi ta' Stabbiltà jew Konverġenza aġġornati huma stabbiliti fid-dokumenti elenkati fl-anness ta' din in-nota.

BELĠJU:	9925/19
BULGARIJA:	9926/19
REPUBBLIKA ĊEKA:	9927/19
DANIMARKA:	9928/19
ĠERMANJA:	9929/19
ESTONJA:	9930/19
IRLANDA:	9931/19
GREĊJA	9932/19
SPANJA:	9933/19
FRANZA:	9934/19
KROAZJA:	9935/19
ITALJA:	9936/19
ĊIPRU	9937/19
LATVJA:	9938/19
LITWANJA:	9939/19
LUSSEMBURGU:	9941/19
UNGARIJA:	9942/19
MALTA:	9943/19

IN-NETHERLANDS:	9944/19
AWSTRIJA:	9945/19
POLONJA:	9946/19
PORTUGALL:	9947/19
RUMANIJA:	9948/19
SLOVENJA:	9950/19
SLOVAKKJA:	9951/19
FINLANDJA:	9952/19
ŻVEZJA:	9953/19
RENJU UNIT:	9954/19
